MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru. 661/2006

PULIZIJA
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
VS
A

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat il-minuri A, ta’ 17-il sena, bin Omissis u Omissis, imwieled Pieta’ nhar Omissis u residenti fil-fond Omissis, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru Omissis, u akkuzat talli nhar id-9 ta’ Lulju 2006, ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar (15:00hrs), gol-bajja ta’ l-Ghadira, limiti tal-Mellieha:

(a) b’eghmil zieni, ikkorrompa persuna ta’ taht l-eta’, jigifieri lill-minuri B, ta’ 15-il sena Svediza, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 34), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat illi l-imputat m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 21).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat il-'pre-sentencing report' maghmul mill-Probation Officer Chantal Avellino (ara dok A a fol 40).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 37, 203, 209 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre, tqieghdu taht 'treatment order' ghal perjodu ta' sena, taht is-sorveljanza ta' Psikologu sabiex jircievi t-terapija mehtiega minn psikologu kliniku bi frekwenza ta' mhux anqas minn sezzjoni fix-xahar.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-eta' giovannili tieghu u l-fatt li l-imputat huwa 'a first offender' u tenut kont tal-imgieba tal-imputat u li l-atti indikati fl-istess stqarrija tal-imputat ma jikkonfigurawx taht l-aghar forma ta' atti di libidini.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------